**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 28 ta' April 2025**

**Kawża Numru: 67/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Justine Grech)**

**kontra**

**Roberta Mulvaney**

Il-Qorti,

Rat illi **Roberta Mulvaney** ta' disgħa u tletin (39) sena, bint Daniel u Catherine nee' Cauchi, imwielda l-Pieta' nhar it-tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u sebgħa u sebgħin (1977), residenti fl-indirizz 16A, Kwartieri San Nikola, Bormla u detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 96878M, ġiet imressqa quddiemha u akkużata talli nhar it-tlettax (13) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016) ġewwa dawn il-Gżejjer:-

1. forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew tipprokura d-droga herojina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha liċenżja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita`

mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament numru erbgħa (4) tar-Regolamenti ta' l-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2.forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew tipprokura d-droga Kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha liċenżja mill-President ta' Malta, u mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-elf disgħa mija u disgħa u tletin (1939) għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament numru erbgħa (4) tar-Regolamenti ta' l-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3.kellha fil-pussess tagħha d-droga Kokaina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kinetx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-dispozzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-

droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha, skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. kellha fil-pussess tagħha d-droga herojina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-dispozzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta, kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. ġewwa l-Marsa u/jew f'xi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku tlajjiet jew għamlet biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. kif ukoll waqt li kienet ġewwa l-Marsa wettqet atti immorali fil-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. saret reċidiva b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras nhar is-sittax (16) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta[1];

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017), maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputata titressaq quddiem din il-Qorti sabiex twieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[2];

Semgħet fis-seduta ta' nhar il-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qegħdin jezentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda li kienu diġa xehdu u l-provi li kienu miġjuba f'dawn il-proċeduri qabel ma din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta[3];

Rat illi fl-udjenza ta' nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), l-imputata wieġbet li ma hijiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha[4];

Rat illi fl-udjenza ta' nhar it-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi f'dan il-każ jeżistu l-elementi tat-*trafficking by sharing* fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet[5].

Rat illi fl-udjenza ta' nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), l-imputata tpoġġiet taħt Ordni Temporanja ta' Superviżjoni[6];

Semgħet lill-prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-abbli avukat difensur.

[1] A fol. 100 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 7 tal-atti proċesswali
[3] A fol. 104 tal-atti proċesswali
[4] A fol. 15 tal-atti proċesswali
[5] A fol. 39 tal-atti proċesswali
[6] A fol. 126 tal-atti proċesswali

**Ikkunsidrat :-**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi :-

**PS 362 Wayne Borg**[7] xehed u stqarr illi nhar it-tlettax (13) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016), huwa kien ġie nfurmat minn PS 1021 li kienu sabu tlett (3) persuni ġewwa *ditch* il-Marsa. Huwa jispjega li kien hemm il-ħamrija u kien hemm qisu foss u kien hemm tlett (3) persuni femminili ġo fih u kienu jidhru mhux f'sensihom mija fil-mija. Dawn it-tlett (3) persuni rriżulta li kienu Jessica Mallia, Wanda Mallia u l-imputata Roberta Mulvaney li għaraf preżenti fl-awla.

Huwa jgħid li mar fuq il-post flimkien ma kollega tiegħu PC 452. Igħid li meta beda jitkellem mal-imputata u sħabha dehru imgerfxin u dehru li kienu fis-sakra. Iżid igħid li Wanda Mallia dehret ftit iktar gravi mill-oħrajn, għax lanqas in-nifs ma bdiet tieħu sew. It-tlett (3) tfajliet stqarrew li kienu ħarbu minn San Blas u marru jixorbu u kien għalhekk li kienu fi stat ta' sokor. Fuq il-post ġiet l-ambulanza. Meta mistoqsija mill-istaff mediku tal-ambulanza, it-tliet (3) tfajliet kienu stqarrew li kienu xorbu l-*alcohol*, sniffjaw xi droga u anke ħadu xi *joint*.

Aktar tard kien gie infurmat minn PC 732, li Wanda Mallia ġiet trasferita fl-*Intensive Therapy Unit* għax ma kinitx qed tieħu in-nifs tajjeb. Igħid li nhar il-ħmistax (15) ta' Diċembru hija ġiet trasferita fis-sala *Medical War*d numru erbgħa (4). Huwa ppreżenta l-okkorenza li ġiet immarkata bħala 'Dok WB'[8].

**PC 452 Robert Mercieca**[9] xehed u spjega li nhar it-tlettax (13) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016), il-Pulizija tal-għassa ta' Ħal Qormi ġew infurmati mill-Pulizija tal-għassa tal-Ħamrun, li ħdejn il-korsa taż-żwiemel ħdejn l-entratura tal-kavallerija taż-żwiemel, kien hemm tlett (3) persuni li kienu konfużi u li waqgħu ġo fossa bl-ilma. Huma mar fuq il-post flimkien mal-kollega tiegħu PS 362 u sabu tlett (3) persuni li kienu konfużi u mxarrbin. Mill-istħarriġ preliminari li għamlu rriżulta li dawn it-tfajliet kienu ħarbu minn San Blas u marru jixorbu. Fuq il-post wasal it-tim mediku fejn ħa t-tlett (3) persuni l-Isptar

[7] A fol. 16 tal-atti proċesswali
[8] A fol 10 tal-atti proċesswali
[9] A fol. 20 tal-atti proċesswali

*Mater Dei*. In kontro-eżami, igħid li meta s-Surġent beda jkellem lil dawn it-tlett (3) tfajliet, dehru konfużi.

**PC 1371 Bernard Zammit**[10] stazzjonat l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi, xehed u spjega li nhar it-tlettax (13) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016), il-Pulizija tal-Għassa ta' Ħal Qormi, ġew infurmati mill-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun illi kien hemm tlett (3) tfajliet fis-sakra, li kienu waqgħu f'xi għadira ilma fit-*track* l-antika tal-Marsa. Huwa rrikorra fuq il-post flimkien ma PS 362, u PC 452 u hemmhekk sabu tnejn min-nies fl-għadira u ċioe' lill-imputata Roberta Mulvaney u lil Wanda Mallia. Igħid li kien hemm Jessica Mallia li kienet qed tipprova tassistihom. Meta kellimhom is-Surġent, irriżulta li huma kienu residenti San Blas u kienu ħarbu minn hemmhekk u marru l-Marsa u ħadu xi xorb.

Meta beda jkellimhom is-Surġent, bdew jinnutaw illi Wanda Mallia bdiet tiċċassa u lanqas bdiet tirrispondi għad-domani li sarulha. Għalhekk is-Surġent ċempel għall-ambulanza. L-ambulanza waslet fuq il-post u wieħed mill-istaff mediku tal-ambulanza beda isaqasihon jekk ħadux xi ħaġa oħra apparti x-xorb. Huwa jiftakar li l-imputata kienet ammettiet miegħu li kienu ħadu xi sustanzi apparti x-xorb. Ġew meħuda l-isptar bl-ambulanza u aktar tard ġew infurmati li Wanda Malia kienet ittieħdet fl-*Intensive Therapy Unit*. Ix-xhud għaraf lill-imputata Roberta Mulvaney fl-awla. Igħid li għalkemm l-imputata kienet qalet li kienu kkunsmaw xi sustanzi, ma jiftakarx x'sustanzi kienet stqarret li kienu ħadu. Dan id-diskors sar mill-imputata fil-presenza tiegħu u ta' PC 452 u PS 362.

L-**Ispettur Roderick Agius**[11] xehed u spjega li fil-lejl ta' bejn it-tlettax (13) u l-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta ta' nofs il-lejl, huwa kien ġie nfurmat mis-Surġent 362 Wayne Borg illi kien daħlilhom rapport li ġewwa *ditch* fil-viċinanzi tal-korsa taż-żwiemel tal-Marsa, viċin il-Kavallerija tal-Pulizija, kien hemm tlett (3) tfajliet u kien hemm persuna minnhom li ma kinitx f'kundizzjoni tajba u kien għalhekk li ġiet msejjħa ambulanza.

Is-Surġent kien stqarr miegħu li dawn it-tlett (3) persuni kienu Wanda Mallia, Jessica Mallia u l-imputata. Infurmah ukoll li dawn it-tliet (3) persuni x'aktarx

---

[10] A fol. 32 tal-atti proċesswali
[11] A fol. 36 tal-atti proċesswali

kienu għamlu użu mid-droga u kien għalhekk li dehru f'dak l-istat. Is-Surġent kien infurmah ukoll li kien irnexxielu jkellem lil Wanda Mallia, li qaltlu li tiftakar li kenu xtraw b'għoxrin ewro (€20) kokaina u b'għoxrin ewro (€20) herojina u kienu xxerjawha bejniethom u din ma ħadmitx fuqhom bħas-soltu għax kienu għadhom ħerġin mill-programm. Dawn it-tlett persuni ittieħdu ġewwa l-Isptar *Mater Dei* għal kura neċessarja.

L-Ispettur Agius jixhed li huwa kien tkellem ma l-Ispettur Justine Grech u kienu qablu li *una volta* li l-persuni konċernati jieħdu l-kura, huma kellhom jiġu mitkellma mill-Pulizija. Igħid li f'Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017), huwa flimkien mal-Ispettur Justine Grech, mar l-Isptar Monte Carmeli, fejn kienu kellmu lil Wanda Mallia. Hija ngħatat is-solita twissija u d-drittijiet tagħha skond il-liġi u hi kienet stqarret li dak iż-żmien kienet qed tagħmel programm residenzjali u għal xi raġuni iddeċidiet li titlaq mill-programm u magħha kienu telqu Jessica Mallia u l-imputata. Qalet li kienu xtraw xi droga minn ġewwa l-Marsa, mingħand persuna ta' karnaġġjon skur, u abbużaw minn din id-droga flimkien, iżda minħabba li kienu qegħdin il-programm, it-tolleranza tagħhom ma kinitx kif kienet tkun is-soltu u kellha effett negattiv fuqhom u spiċċaw f'dak l-istat.

**Oswald Balzan**[12] in rappreżentanza tal-Isptar Monte Carmeli xehed u spjega li l-imputata daħlet l-isptar erbgħa u tletin (34) darba. Kienet għamlet perijodu twil fis-sena elfejn u dsatax (2019), għalkemm kienet toħroġ bil-*leave* kull sebat ijiem. Skond ir-*records* tagħhom l-ewwel darba li daħlet l-isptar kien fis-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999). Spjega li San Blas ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni ta l-Isptar Monte Carmeli. Huwa eżebixxa document li ġie market bħala 'Dok OB'.

**Maria Caruana in rappreżentanza tal-Aġenzija Caritas** xehdet u preżentat dokument li ġie mmarkat bħala 'Dok MC'[13], minn fejn jirriżulta li l-imputata bdiet tuża s-servizzi tal-Caritas fis-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) u l-aħħar kuntatt mal-istess Aġenzija sar f'Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018).

[12] A fol. 48 tal-atti proċesswali
[13] A fol. 67 tal-atti proċesswali

**Stephania Calafato Testa**, Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali, xehdet u preżentat vera kopja ta' sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) -vs- Roberta Mulvaney** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sittax (16) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), li ġiet immarkata bħala 'Dok SCT 1'[14]. Hija preżentat ukoll vera kopja ta' sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) -vs- Roberta Mulvaney** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (2014), li ġiet immarkata bħala 'Dok SCT 2'[15].

**Marica Mifsud[16],** Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali, xehdet u kkonfermat li kien hemm appell intavolat mis-sentenza mogħtija nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) fil-konfront tal-imputata u dan l-appell ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef Edwina Grima fis-sittax (16) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015). Ix-xhud preżentatat vera kopja tas-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali li ġiet immarkata bħala 'Dok MM'. Ikkonfermat ukoll li l-multa ġiet imħallsa u preżentat dokument bid-dettalji dwar il-multa, li ġie mmarkat bħala 'Dok MM 1'.

**L-Ispettur Justine Grech[17]** xehdet illi hija kienet ħadet l-istqarrija tal-imputata Roberta Mulvaney u dan wara li kienet ġiet infurmata li kienu daħlu xi persuni l-Isptar li kien suspettat li kellhom *overdose*. Tgħid li l-imputata kienet ingħatat l-Ittra tad-Drittijiet u hija kienet għażlet li ma tieħux parir legali qabel l-interrogazzjoni. L-istqarrija kienet ittieħdet nhar it-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017). L-Ispettur Grech tgħid li fl-istqarrija tagħha, l-imputata kienet stqarret li kienet qegħda tagħmel programm ġewwa San Blas, flimkien ma żewġ persuni oħra u ftehmu sabiex jaħarbu minn dan il-programm u jmorru jakkwistaw id-droga u flimkien kienu xtraw is-sustanzi kokaina u herojina. Tgħid li l-imputata kienet qaltilha li kienu qasmu din id-droga flimkien f'ammonti ugwali. Kienu xtraw pakkett ta' għoxrin ewro (€20) herojina u pakkett ta' għoxrin ewro (€20) kokajina. L-Ispettur Grech preżentat dikjarazzjoni ta' rifjut ta'

[14] A fol. 70 tal-atti proċesswali
[15] A fol. 75 tal-atti proċesswali
[16] A fol. 111 tal-atti proċesswali
[17] A fol. 128 tal-atti proċesswali

assistenza legali li ġiet immarkata bħala 'Dok JG 1'[18] u l-istqarrija tal-imputata li ġiet immarkata bħala 'Dok JG 2'[19].

Id-difiża ressqet is-segwenti provi :-

**Marion Fava Galea**[20], social worker fil-*Mental Health Clinic* ta' Bormla, xehdet nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u spjegat li kienet ilha ssegwi lill-imputata għal sena u nofs u l-każ odjern seħħ qabel ma kienet issegwiha hi. Tgħid li minn dak iż-żmien, l-imputata kellha diffikultajiet ta' saħħa u llum tbati minn disabilita'. Tgħid li l-imputata rriformat ruħha, m'għadhiex tuża sustanzi illeċiti u tgħix ħajja relattivament normali, b'ċertu diffikultajiet li d-disabilta' tagħha tpoġġi quddiemha. Tgħid li l-imputata tikkopera magħha, fejn ikun hemm bżonn.

**Nicoletta Farrugia**[21] in rappreżentanza tal-Aġenzija Caritas xehdet illi fis-sistema l-ġdida tal-Caritas, m'għandhom l-ebda *records* tal-imputata. Dan ifisser li mis-sena elfejn u għoxrin (2020) 'il quddiem, l-imputata ma kellix kuntatt mal-Caritas. Tgħid li m'għandix aċċess għar-*records* antiki.

**L-Uffiċjal tal-Probation Rona Agius Custo**[22], xehdet nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u spjegat li hija kienet ġiet nominata sabiex tħejji *Social Inquiry Report*, iżda dan ma setgħetx tagħmlu għaliex l-imputata ma marritx għandha għall-appuntamenti mogħtija lilha. L-Uffiċjal tal-Probation tgħid li hija marret tara lill-imputata darba fir-residenza tagħha ġewwa Bormla, pero kull darba li tatha appuntament, l-imputata kienet tgħidilha li ssibha diffiċli sabiex toħroġ mid-dar. Qaltilha li tbati minn dipressjoni u minn verifiki li għamlet mal-*Mental Health Clinic* ta' Bormla, irriżulta li l-imputata għandha djanjosi ta' *Bipolar affective disorder*, li hija *emotionally unstable personality*, kif ukoll *substance abuse disorder*. Ix-xhud tispjega li kull meta tkellmet mal-imputata sabiex toħroġ u tmur għall-appuntamenti, hija tkun *emotional* ħafna u fl-aħħar minuta tiddeċiedi li ma tmurx. Għalhekk ma kienx possibli għaliha li tagħmel ir-rapport rikjest.

---

[18] A fol. 91 tal-atti proċesswali
[19] A fol. 92 tal-atti proċesswali
[20] A fol. 96 tal-atti proċesswali
[21] A fol. 109 tal-atti proċesswali
[22] A fol. 130 tal-atti proċesswali

L-Uffiċjal tal-Probation tgħid li hija kienet isegwi lill-imputata fis-sena elfejn u tlettax (2013), pero kienet ilha ma taraha mis-sena elfejn u erbatax (2014). In kontro-eżami, hija tgħid li mir-*records* li ġabret mill-Isptar *Monte Carmeli* jirriżulta li l-imputata kienet rikoverata hemmhekk diversi drabi, ġieli anke għal tul ta' żmien. Tispjega li l-imputata kellha *upbringing* li ma kien xejn feliċi. Sofriet it-telf ta' missierha li miet b'kawża mhux naturali u sabitu hi stess mejjet. Tgħid li kellha trawmi fil-ħajja tagħha li affettwawlha ħajjitha. Tispjega li l-imputata għandha storja ta' abbuż kbir ta' droga u kien hemm diversi drabi li pprovaw jindirizzaw tali problema. Fis-sena elfejn u erbatax (2014) l-imputata kienet tuża biss id-droga Cannabis.

Ix-xhud tgħid li l-imputata qaltilha li preżentement tagħmel użu biss mid-droga Cannabis, pero ma setgħatx tikkonferma dan għaliex l-imputata ma attenditx għall-appuntamenti li ngħatawlha. Hija tgħid li l-imputata tgħix mal-*partner* tagħha ġewwa Bormla u kien hemm ukoll episodji ta' vjolenza domestika f'din ir-relazzjoni u għalhekk anke din ir-relazzjoni ma hijiex waħda sana. Ix-xhud tispjega li hija kienet pruvat anke tinkoraġixxi lill-imputata sabiex tikseb l-għajnuna, billi tkun rikoverata għal xi żmien u dan stante li l-imputata kienet infurmata għal iktar minn darba li kienet dipressata, izda l-imputata kienet irrifjutat. L-Uffiċjal tal-Probation spejgat ukoll li hemm *social worker* li ssegwiha u għandha ukoll xi għajnuna mill-*Mental Health Clinic* ta' Bormla. Tgħid li l-imputata tieħu l-benefiċċji tal-mard u tar-*relief*, iżda ħafna drabi tkun mingħajr flus għax ma tafx tagħmel *budgeting*. Ix-xhud preżentat numru ta' dokumenti li ġew immarkati bħala 'Dok RA'.

L-Uffiċjal tal-Probation reġgħet xehdet nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024)[23] u spjegat li fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), hija kienet bdiet issegwi lill-imputata fuq Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni. Tgħid li fil-bidu l-imputata bdiet taqta' qalbha li tattendi għall-appuntamenti. Reġgħet ikkonfermat li l-imputata tbati mid-dipressjoni u tieħu ħafna mediċini u ssibha diffiċli toħroġ mid-dar. Madanakollu tgħid li eventwalment l-imputata attendiet għal żewġ appuntamenti nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru u s-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) fejn ittieħdu żewġ kampjuni tal-urina u rriżulta li ma

[23] A fol. 148 tal-atti proċesswali

kinitx qed tagħmel użu minn sustanzi illeċiti. Tgħid li l-imputata sa ftit żmien qabel kienet qegħda tagħmel użu mid-droga Cannabis, iżda għamlet l-almu tagħha u waqfet anke dan l-użu u għalhekk kienet *clean*. Ix-xhud tispjega li fil-preżent, il-problema tad-droga ma hijiex il-problema prinċipali tal-imputata. Tgħid li hemm ħafna problemi ta' saħħa mentali u problemi soċjali li hemm bżonn li jkomplu jiġu ndirizzati. Tgħid li l-fatt li l-imputata attendiet għal żewġ appuntamenti kienet xi ħaġa posittiva u anke il-fatt li waqfet l-konsum tal-Cannabis.

**Stqarrija tal-imputata[24]**

L-imputata rrilaxxat stqarrija nhar it-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017)[25], wara li ngħatat it-twissija li *"M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova."* Hija ngħatat ukoll l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni, liema jedd hija għażlet li tirrifjuta.

Fl-istqarrija, l-imputata kkonfermat li ma riditix tieħu parir legali u kkonfermat ukoll li ngħatat id-drittijiet tagħha skond il-liġi, inkluż id-dritt li jkollha avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni. Tgħid li hija *single.* Spjegat li nhar it-tlettax (13) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016), hija kienet residenti San Blas u ħarbet minn hemm. Tgħid li bdew jiġuha l-*cravings* għad-droga u ma kinitx taf tgħid le u telqet flimkien ma żewġt iħbieb tagħha. Ftehmu li jmorru jieħdu l-herojina. Tgħid li ħarbu u sabu *lift* lejn il-Marsa ma waħda mara li ma kinux jafu. Hemmhekk iltaqgħu ma persuna ta' karnaġġjon skur, li tathom żewg pakketti tad-droga herojina ta' għoxrin ewro (€20). Tgħid li d-droga ħallsuha flimkien, hi, Jessica u Wanda Mallia. Tgħid li qasmu l-flus bejniethom u qasmu d-droga ndaqs bejniethom. Għall-ewwel sniffjaw l-herojina, imbagħad ħaduha fuq il-foil. Id-droga tgħid li ħaduha l-Marsa stess. Tgħid li kienet ilha tieħu d-droga herojina minn mindu kellha sbatax-il sena.

L-imputata tgħid li dakinhar kien stupraha raġel ta' karnaġġjon skur ukoll. Tispjega li kienu ħdejn *Louis* tad-deheb, marret fi sqaq tpejjep sigarett u hemm

[24] A fol. 92 tal-atti proċesswali

[25] Għalkemm fuq l-istqarrija, hemm indikata d-data tat-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016), l-Ispettur Justine Grech fid-depozizzjoni tagħha tgħid li din l-istqarrija kienet fil-fatt ittieħdet fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017).

kienet ġiet stuprata. Jessica kienet marret ħdejha meta rat li damet u qalet lil dan ir-raġel li kienet ser tirraporta lill-Pulizija u telaq ‘l hemm. Dakinhar kienet taħt l-effett tad-droga, ippruvat tiddefendi lilha nnifisha, iżda dan ir-raġel kien qisu ġgant u ma setgħetx tiddefendi lilha nnifisha.  Dan ir-raġel kien mibni, twil, kien liebes beritta u kellimha bl-Ingliż. Tgħid li l-Isptar daħlet mitlufa minn sensieha b’*over dose* u ma qaltilhom xejn dwar dan l-inċident.

L-imputata tistqarr ukoll li dakinhar hija kienet ħadet id-droga Kokaina flimkien ma l-oħrajn. Ħallsu għoxrin ewro (€20) għall-pakkett droga Kokaina u għoxrin ewro (€20) għall-pakkett droga herojina. Dakinhar ħallset għoxrin ewro (€20). Il-persuna mingħand min xtraw id-droga ma tafux, pero għandu karnaġġjon skur u jkun ħdejn *Louis* tad-deheb. Hija tgħid li qatt ma tat droga lil ħaddieħor.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni**

Permezz tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni, l-imputata tinsab akkużata bir-reat ta’ traffikar tad-droga herojina u kokajina u dan b’referenza għal dak li seħħ fit-tlettax (13) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016). Fil-mori tal-proċeduri, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi dan kien każ ta’ *trafficking by sharing*.

L-artikolu 22(IB) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta jagħti definizzjoni ta’ ‘traffikar’:

> *“(1B) Għall-finijiet ta’ din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b’riferenza għal traffikar f’mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f’dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f’dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni,id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista,li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta’ informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta’ tali mediċina bi ksurta’ din l-Ordinanza”:*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputata ġiet addebitata b'dawn l-ewwel żewġ imputazzjonijiet unikament u esklussivament a bażi ta' dak li hija ddikjarat fl-istqarrija tagħha. Mill-istqarrija tal-imputata jirriżulta li hija flimkien ma Wanda Mallia u Jessica Mallia kienu ftehmu flimkien illi jakkwistaw d-droga sabiex jaqsumha flimkien fil-jum in kwistjoni u t-tlieta li huma akkwistaw flimkien pakkett tad-droga herojina u pakkett tad-droga kokajina, ħarġu s-sehem tagħhom mill-prezz ta' din id-droga u lkoll kemm huma kkunsmaw sehemijiet ugwali minn din l-istess droga fl-istess post.

Madanakollu mill-provi hawn fuq imsemmija ma jirrizultax li l-*qua* imputata f'xi istanza traffikat, pprovdiet jew biegħet id-droga herojina jew kokajina lil terzi. Anzi li jirriżulta huwa li terza persuna kienet għaddiet d-droga lilha u lil żewġt iħbieb tagħha u dana wara li huma ħallsu għaliha.

Ġjaladarba, ma jeżistix xenarju ta' traffikar, ma jista' qatt jirrizulta *trafficking by sharing*. Fil-fatt il-kunċett ta' *trafficking by sharing* ġie introdott fil-liġi Maltija permezz tal-Att XVI tas-sena elfejn u sitta (2006) u dana bħala 'skużanti' għar-reat ta' traffikar. Il-ħsieb tal-legislatur meta saret din l-emenda kien is-segwenti:

> *"Sal-lum kull każ ta' traffikar – żgħir jew kbir, sharing u mhux sharing – kien jaqa' taħt il-kappa tat-traffikar u allura, malli l-każ tiegħek jaqa' taħt din il-kappa, awtomatikament kien ikollok piena karċerarja tassattiva ta' sitt xhur. Jiġifieri l-aħjar li tista' tmur huwa li teħel sitt xhur ħabs. .... għal min qiegħed jaqsam ma'xi ħadd ammonti żgħar ta' droga. Xorta jitqies bħala traffikar b'mod ġenerali, pero' mhux bilfors li l-ħati jintbagħat il-ħabs. Għalhekk m'aħniex qed inneħħu l-piena karċerarja għax-sharing imma qed ngħidu li fil-każ ta' sharing mhux bilfors li jkun hemm piena karċerarja…"*[26].

Illi sabiex jirriżulta *trafficking by sharing* neċessarjament iridu jirriżultaw l-estremi ta' traffikar. Il-kuncett ta' *trafficking by sharing* jirrigwardja traffikar ta' droga, applikabbli biss f'dawk iċ-ċirkostanzi speċifiċi li huma stipulati fil-liġi, liema ċirkostanzi l-Qrati dejjem interpretaw b'mod ristrett. Konsegwentement

[26] Seduta Parlamentari numru 388 ta' nhar it-23 ta' Mejju 2006

ma jista' qatt ikun preżenti l-kunċett ta' *trafficking by sharing* jekk ma jirriżultax it-traffikar. Għalhekk l-ewwel żewġ imputazzjonijiet ma jirriżultawx ppruvati.

**It-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni**

Illi permezz tat-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni, l-imputata tinsab akkużata b'pussess għall-użu personali tad-droga kokaina u herojina. Mill-provi mressqa, partikolarment mill-istqarrija tal-imputata stess, jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mil-liġi li l-*qua* imputata kienet ikkonsmat d-droga kokajina u herojina dakinhar tat-tlettax (13) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016). Għaldaqstant it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni ġew sodisfaċentament ippruvati.

**Il-ħames (5) imputazzjoni**

Permezz tal-ħames (5) imputazzjoni, l-imputata tinsab akkużata talli f'post pubbliku hija tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni għal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Louise Calleja) -vs- Josephine Grixti** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (2007), fejn ingħad:-

> *"Illi kif ben tajjeb gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imħallef Dr. David Scicluna fil-kawża* ***"Il-Pulizija vs. Mary Rose Vassallo"*** *[29.3.2006] citata mill-appellanti, biex tirmexxi prosekuzzjoni taht l-artikolu 7 (2) tal-Kap.63, irid jigi pruvat, fil-grad rikjest mil-ligi ghall-procedimenti penali, li l-persuna akkuzata tkun, fi triq jew f' post pubbliku jew espost ghall-pubbliku, tlajjat (loitered) jew ghamlet biex thajjar ("solicited") ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova ssir permezz, u tista' tirrizulta minn diversi cirkostanzi, mehudha wahedhom jew flimkien, bhal per ezempju, diskors li ntqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f' post partikolari u lil min tavvicina u hafna cirkostanzi ohra. (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti kif preseduta fl-Appell Kriminali* ***"Il-Pulizija vs. Michael Falzon"*** *[19.6.2002] il-kliem : "jitlajja jew jaghmel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni" u ("loiters or solicits for the purpose of prostitution", fit-test Ingliz) ma jirrikjedix li jkun hemm l-element li wiehed idejjaq lil dak li jkun jew "importuning" billi wiehed ikun "petulanti, insistenti , nojjuz u koncetti simili". Bizzejjed li persuna tkun miexja jew tistenna f'post maghruf ghal skop ta' laqghat immorali jew ta' prostituzzjoni. Hemm umbaghad cirkostanzi ohra li jindikaw li it-tlajjar ikun qed isir ghal skop immorali, bhal meta jsir f'xi triq mudlama jew imwarrba jew xi gnien pubbliku mwarrab jew mudlam u f'post li jkun maghruf ghal dan l-iskop. L-element tat-thajjir umbaghad jista' jigi dezunt minn ilbies qasir u provokanti tal-persuna li tkun qed titlajja b'mod li jindika lil dak li jkun li dik tkun persuna abitwata u mixhuta fix-xoghol tal-prostituzzjoni u li qeghda hemm ghal dak l-iskop. L-element tac-"circumstantial evidence" huwa f'dan ir-reat evidentement importanti u minnu wiehed jista' jiddezumi il-veri intenzjoni ta' dak li jkun."*

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, jirriżulta li l-imputata nstabet mill-Pulizija, flimkien ma' żewġt iħbieb tagħha ta' sess femminili, ġewwa *ditch* il-Marsa. L-Uffiċjali tal-Pulizija jgħidu li kemm l-imputata, kif ukoll l-ħbieb tagħha dehru mgerfxin u dehru li kienu fi stat ta' sokor. Illi fix-xhieda tal-istess Uffiċjali tal-Pulizija jingħad li minn stħarriġ preliminari, rriżulta li l-imputata u sħabha kienu ħarbu minn San Blas u kienu ħadu xi sustanzi apparti x-xorb. Jingħad ukoll li l-Uffiċċjali tal-Pulizija fl-ebda ħin ma jagħmlu referenza għall-ebda tlajjar, u lanqas ma ġew mistoqsija f'dan ir-rigward.

Illi jingħad illi l-imputata fl-ebda ħin ma ġiet osservata tħajjar lil xi persuna għal skopijiet ta' prostituzzjoni. L-Uffiċjali tal-Pulizija fix-xhieda tagħhom lanqas ma jagħmlu l-ebda referenza għall-ilbies tal-imputata. Jidher li l-uniku fatt materjali li wassal sabiex inħarġu l-akkużi fil-konfront tal-imputata, ai termini ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta, kien il-fatt illi hija nstabet flimkien ma sħabha ġewwa żona magħrufa għal prostituzzjoni, kif ukoll il-fatt li fl-istqarrija

tagħha l-imputata meta ġiet mistoqsija x'kien ġara, tgħid li wara li kienu ħarbu minn San Blas u marru l-Marsa sabiex jakkwistaw u jikkonsmaw id-droga, hija kienet qegħda tpejjep sigarett fi sqaq, meta kien mar warajha raġel ta' karnaġġjon skur u kien stupraha. Tgħid li hi pruvat tiddefendi lilha nnifisha, iżda min stupraha kien fih raġel u hi kienet taħt l-effett ta' droga. Hija tiċħad li dan il-persuna kien talabha xi servizzi, tgħid li ilha tieħu d-droga minn meta kellha sbatax-il sena, iżda tgħid li qatt ma għamlet dan ix-xogħol.

Illi t-tlajjar jew kif inhu maghruf bl-ingliż "loitering" f' post pubbliku huwa l-att materjali li iwassal għal kostistuzzjoni ta' dan ir-reat, izda dan il-fatt irid neċessarjament ikun akkompanjat bl-intenzjoni kriminuza u ċioe' illi l-att fiżiku tat-tlajjar ikun qed isir għal skopijiet ta' prostituzzjoni. Illi f'dan il-każ il-fatt waħdu li l-imputata nstabet f'żona magħrufa għall-prostituzzjoni, f'liema żona hija tgħid li adirittura ġiet stuprata, mhuwiex biżżejjed sabiex tinsab reita'. L-ebda fattur ieħor ma ġie osservat dwar l-abbiljament tal-imputata bħal per eżempju kinitx liebsa skullat, jekk kellhiex xi ammont esaġerat ta' make-up, jew jekk kinitx qed tagħmel xi mossi provokattivi jew suġġesstivi bl-iskop li tħajjar lil xi persuna jieqaf ħdejha, fost oħrajn. Esposti dawn il-fattispeċje mressqa quddiem din il-Qorti, huwa evidenti li ma tressqet l-ebda prova li turi li l-imputata kienet qed titlajja. Illi għaldaqstant din l-imputazzjoni ma tirriżultax ippruvata.

**Is-sitt (6) imputazzjoni**

Permezz tas-sitt (6) imputazzjoni, l-imputata qegħda tiġi akkużata li wetqet atti immorali fil-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali. Illi dan l-Artikolu jistipula li:-

> *"209. Kull min, barra mill-każijiet imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan is-Sub-titolu jew f'dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, joffendi l-pudur jew il-morali, b'egħmil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur u multa."*

Illi kif ingħad fil-każ *de quo*, jirriżulta biss li l-imputata fl-istqarrija tagħha ddikjarat li meta hija flimkien mal-ħbieb tagħha ħarbu mill-programm ta' San Blas u marru l-Marsa sabiex jixtru d-droga, hija kienet ġiet stuprata minn raġel ta' karnaġġjon skur u Jessica Mallia pruvat tassistiha. Il-prosekuzzjoni baqgħet ma ressqet l-ebda prova oħra fir-rigward ta' din l-imputazzjoni. F'dan il-kwadru għalhekk, l-intenzjoni kriminuża da parti tal-imputata ma tirriżultax. Għaldaqstant l-Qorti mhux qegħda ssib ħtija fl-imputata dwar din l-imputazzjoni.

**Is-seba' (7) imputazzjoni**

L-imputata ġiet addebitata ukoll bir-reċidiva. Fir-rigward, il-Prosekuzzjoni eżebiet sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (2014), fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) -vs- Roberta Mulvaney** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat, illum Imħallef Dr. Natasha Galea Sciberras. Eżebiet ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-sittax (16) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) -vs- Roberta Mulvaney**[27], li permezz tagħha l-Qorti ċaħdet l-appell tal-imputata odjerna (in-numru tal-karta tal-identita' tal-imputata f'dak il-każ huwa identiku għal karta tal-imputata fil-każ odjern) u kkonfermat s-sentenza appellatta suriferita, fejn l-imputata kienet ġiet ikkundannata għal piena ta' seba' (7) xhur priġunerija effettiva u multa ta' seba' mija u ħamsin ewro (€750). Għaldaqstant, il-Qorti qegħda tqis lill-imputata bħala reċediva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

**Kunsiderazzjonijiet dwar piena**

Ai fini ta' piena dina l-Qorti qieset l-imputazzjonijiet li tagħhom il-*qua* imputata qegħda tinsab ħatja, kif ukoll iċ-ċirkostanzi relatati mal-istess u l-fedina penali tagħha. Il-Qorti qieset ukoll il-fatt li mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation jirriżulta li l-imputata għamlet l-almu tagħha u waqfet anke l-użu tal-*cannabis* u għalhekk kienet *clean*. Jirriżulta ukoll li preżentement il-problema tad-droga ma

[27] A fol. 70 tal-atti proċesswali

hijiex il-problema prinċipali tal-imputata, iżda hemm problemi ta' saħħa mentali u problemi soċjali li hemm bżonn li jkomplu jiġu ndirizzati.

Qieset ukoll li din il-Qorti m'għandix prova sal-grad rikjest fil-liġi dwar l-ammont ta' droga kokaina u herojina li kien fil-pussess tal-imputata u li ġie kkonsmat minnha. Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti, anke b'applikazzjoni tal-prinċipju li kull dubbju għandu jmur a favur tal-imputata, ma jirriżultaliex li l-ammont ta' droga kokaina u herojina kien ta' iktar minn żewġ grammi. Illi għaldaqstant qegħda tqis li llum huwa applikabbli l-Artikolu 4 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula li:

> *4.(1) Fejn akkuża ta' ksur tal-liġijiet dwar id-droga tikkonsisti f'akkuża ta' pussess ta' droga projbita li ma tkunx id-droga kannabis, fi kwantità ta' anqas minn żewġ grammi jew ta' żewġ pilloli tad-droga 'ecstacy' jew ta' żewġ pilloli projbiti oħra, irrispettivament mill-purità, f'ċirkostanzi li ma jwasslux li wieħed raġonevolment jemmen li d-droga projbita mhijiex għall-użu personali tal-persuna li għandha l-pussess tagħha, dik il-persuna għandha tkun soġġetta għal proċess skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, u meta tinsab ħatja mill-Kummissarju għall-Ġustizzja assenjat mill-Ministru sabiex jisma' każijiet dwar reati ta' droga teħel penali bejn ħamsa u sebgħin euro (€75) u mija u ħamsa u għoxrin euro (€125):*

Illi qieset ukoll li l-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kapitolu 291 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li:

> *(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, reat kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li tista' ssir prosekuzzjoni dwaru taħt dan l-Att m'għandux jieqaf milli jkun reat kriminali u l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali għandu jkollhom ġurisdizzjoni konkorrenti sabiex jagħtu deċiżjoni dwar dak ir-reat hekk iżda li l-piena applikabbli wara dħul fis-seħħ ta' dan l-Att m'għandhiex tkun ogħla mill-pieni li kienu jkunu applikabbli li kieku r-reat tressaq quddiem Kummissarju għall-Ġustizzja taħt dan l-Att:*
>
> *Iżda l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali għandu jkollhom,bis-saħħa ta' dan l-Att, is-setgħa li japplikaw kull piena li tista' tiġi applikata minn*

*Kummissarju għall-Ġustizzja taħt dan l-Att fir-rigward ta' reat li skont dan l-Att għandu jitressaq quddiem Kummissarju għall-Ġustizzja.*

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern hawn fuq imsemmija, dina l-Qorti bis-saħħa tal-artikoli hawn fuq stipulati hija tal-fehma li l-piena applikabbli għall-każ odjern hija dik ta' penali stipulata fl-Artikolu 4 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a)(1B) u 22(2)(b)(i)(ii) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, r-Regolamenti erbgħa (4) u disgħa (9) tar-Regolamenti għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 7(2) tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni, Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 4 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament Mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kapitolu 291 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 49, 50, 209 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tillibera lill-*qua* imputata Roberta Mulvaney mill-ewwel (1), it-tieni (2), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, filwaqt li qegħda ssib lill-istess imputata ħatja tat-tielet (3), ir-raba' (4) u s-seba' (7) imputazzjonijiet miġjuba kontriha u konsegwentament qegħda tikkundannaha ghall-piena ta' penali ta' mitt ewro (€100).

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara